Maltin kien ikollhom jibqgħu siekta, jew isemmgħu l-invokazzjonijiet tagħhom b'ilsien barrani li bosta minnhom ma kenux jifhmuh; imma llum lilna l-Maltin, dak it-talb bil-Malti mħallat ma' talb b'ilsna oħra, jimliena mhux biss b''sens ta' qima u devozzjoni lejn Ommna l-Hanina, imma wkoll b'għoġba għax naraw lill-ilsien tagħna jieħu sehem ma' l-ilsna oħra mhux anqas minnhom.

---

# Vice Versa

J. P. Vassallo

F'dak iż-żmien ... f'dak iż-żmien ... mill-blata (1) ta' l-ambone
Jum wara jum ifawwar ilma bnin,
Itaffi l-għatx, ifarraġ qlub mifluġa,
Jaħsel u jdewwi l-ġrieħi tal-bnedmin.

Silta u silta bil-ħlew ta' ilma ġieri,
Bil-ġarr meqjus ta' leħen ta' ħamiem,
Igelgel safi r-risq tal-bxara t-tajba,
U jimla l-baħħ bi mħabba u bis-sliem.

Minn ħofra oħra, ħalq ta' bir (2) sewdieni,
Minn ħalq imħassar, kollu qżież w intiena,
Jisbroffa s-semm taż-żina u tal-mibegħda,
Fejn jolqot joqtol kull tjubija u ħniena.

Bħal serp jitkaxkar qalb il-ward u x-xtieli,
Ilsiera jnissel bis-sura ta' ħelsien,
Jaħfi l-imħuħ, l-għeruq tar-rieda jxejjen,
Jaħlaq il-baħħ tar-ruħ ... daż-żmien ... daż-żmien.

---

1. riferenza għall-blata ta' Mosè mnejn ħareġ l-ilma.
2. riferenza għal ideoloġiji moderni.

# DUN KARM F'SAN ĠILJAN

## IRĦAMA FUQ IL-FAĊĊATA TAD-DAR

Diskors ta' l-avukat Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.), President tal-Akkademja tal-Malti, qabel ma kixef l-Irħama fuq il-faċċata tad-dar, 102, Triq Spinola, San Ġiljan — id-dar tal-villeġġatura ta' Dun Karm, fit-13 ta' Ottubru, 1976.

Sinjuri,

Kif tafu din l-Irħama kellha tinkixef mill-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Dr. Joseph Cassar. Il-Ministru xtaqni nwassal lil din il-laqgħa l-pjaċir li ħa meta sema' b'dan il-ġieħ li l-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Komunità ta' San Ġiljan ser tagħti lill-Poeta Nazzjonali u d-dispjaċir tiegħu li mħabba xogħol li nqalagħlu malajr illum, ma jistax jkun magħna l-lejla. Qabel ukoll li fin-nuqqas tiegħu ċ-ċerimonja tibqa' sejra u l-Irħama tinkixef mill-President tal-Akkademja tal-Malti.

Din il-laqgħa hija laqgħa ta' ġieħ u qima lill-Poeta Nazzjonali — Mons. Dun Karm Psaila. Lil Dun Karm ħafna minnha jiftakruh mimli bil-għomor, iżda mbagħad kull wieħed u waħda minnha nifhem li ltaqgħu mal-kitba tiegħu, min ftit min ħafna — kitba ta' kliem li hu ħa minn fomm il-poplu tagħna fi żmien li ħafna kienu għadhom jemmnu li l-kliem li nitkellmu aħna l-Maltin mhux lsien għalih, iżda tifrik — djalett — x'aktarx tat-Taljan jew tal-Għarbi. Imma ż-żmien u l-istudji xjentifiċi taw raġun lil Dun Karm li bix-xogħol tiegħu għolla l-Malti għal-livell ta' Lsien Nazzjonali, imħabba l-għażla tal-kelma sabiħa, sempliċi, armonjuża tiegħu, is-sentiment patrijottiku nisrani u l-ħeġġa li kellu għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' "Din l-Art Helwa, l-Omm li tatna isimha".

Dun Karm twieled u trabba Ħaż-Żebbuġ (Malta) u fil-Malti tiegħu dejjem fhimt li hemm xhieda kemm trid ta' dak it-twelid u t-trobbija. Biż-żmien, imħabba l-ħtieġa tax-xogħol tiegħu, ħareġ minn Ħaż-Żebbuġ u mar joqgħod il-Belt Valletta. Imbagħad għamel bħal ħafna Maltin li ħarġu mill-ibliet u marru joqogħdu tas-Sliema. Fl-istess żmien ħa dar tal-villeġġatura f'San Ġiljan, sewwa sew din id-dar li għandha l-unur li l-lejla fuq il-faċċata tagħha ser tinkixef din l-Irħama li tfakkar dan il-fatt fil-ħajja tal-Poeta Nazzjonali.

Il-ħsieb ta' din l-Irħama ġie lill-Komunità ta' San Ġiljan jiġifieri l-Kleru u l-Għaqdiet Reliġjużi li jaħdmu f'dan id-distrett. Il--ħsieb twettaq bil-ġenerożità tas-Sinjorina Karmen Mikallef-Buħaġar ta' Londra li, f'okkażjonijiet oħra ta' ġieh lill-Poeta Nazzjonali, għamlet tajjeb għall-ispejjeż. Karmen Mikallef-Buħaġar hija l-aktar mara Maltija li għoliet fil-qima li tat lill-Poeta Nazzjonali li tgħallmet tgħożż mindu xbejba mal-ġenituri Maltin tagħha f'Lixandra, il-taqgħet mal-poeżija ta' Dun Karm u sabet fiha dik l-Identità Nazzjonali li xejn ma kellu ħila jagħtiha.

L-Akkademja tal-Malti ssieħbet kif kien xieraq u kif kienet mistiedna li tagħmel, għal ħafna raġunijiet u issa ser insemmi x'uħud minnhom: